MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. NEVILLE CAMILLERI

Seduta ta' l-14 ta' Marzu, 2012

Numru. 122/2011

**Il-Pulizija**
(Spettur Josric Mifsud)

**vs.**

**Andre Apap**

**Illum 14 ta' Marzu 2012**

**Kaz Numru 122/2011**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjoni migjuba fil-konfront ta' Andre Apap, ta' tnejn u ghoxrin (22) sena, bin Lawrence u Bernardette nee' Cutajar, imwieled Rabat, nhar il-25 ta' April, 1989, residenti fil-fond numru 'Harmony', Triq Guze' Cremona, Rabat, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 22789G akkuzat talli;

a) Ghamel qliegh b'qerq ghad-dannu ta' Monica Bigeni meta hareg cekk bin-numru tmienja u tmenin (88) mill-kont tieghu bin-numru 071 252 787 001 mal-Bank HSBC Bank Malta plc; fergha tar-Rabat, Ghawdex; liema cekk kien fl-ammont ta' mitejn, disgha u sebghin Ewro (€ 279.00) u liema cekk kien intiz sabiex bih ihallas ammont dovut lill-istess kwerelant. Dan ic-cekk inhareg meta l-imputat kien konsapevoli tal-fatt li ma kienx hemm bizzejjed flus depozitati f'dan il-kont. Ic-cekk baqa' ma giex onorat u gie "referred to drawer". U dan kollu bi ksur tal-Artikolu 308 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti mill-Ufficjal Prosekutur u l-atti l-ohra kollha ta' dan il-kaz.

Rat il-kwerela ta' Monica Bigeni tal-1 ta' Settembru 2011 u li din il-kwerela giet irtirata permezz ta' ittra datata 12 ta' Jannar 2012.

Semghet lill-Ufficjal Prosekutur jiddikjara li m'ghandux provi xi jressaq u li l-imputat ghazel li ma jixhidx u li ma ressaq l-ebda provi.

Ghaldaqstant, il-Qorti, in vista ta' dak li nghad hawn fuq, tiddikjara l-procediment ezawrit fil-konfront tal-imputat.

**DR. NEVILLE CAMILLERI B.A., LL.D., MA. (Fin.Serv.)**
**Magistrat**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------